**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, l-1 ta’ Settembru 2021**

**Talba Numru: 7/21 CZ**

**Integritas Corporate Services Ltd (C 52395)**

**vs.**

**Silver Group Ltd (C 72245)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra l-avviz tat-talba ai termini tar-Regolament (KE) 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Procedura Ewropea ghal Talbiet Zghar, prezentat fit-18 ta’ Gunju 2021, li bih is-socjeta’ attrici talbet il-hlas minghand is-socjeta’ konvenuta ta’ erbat’elef, disa’ mija u sebgha u tletin Euro u sebghin centezmu (€4,937.70), u dan peress illi:

Il-konvenut u l-attur dahlu f'kuntratt ta' servizzi datat l-10 ta' Settembru 2015, li qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. A li permezz tieghu l-attur provda numru ta' servizzi relatati ma' `corporate services' lill-konvenut, bhal per ezempju servizzi ta' 'registered office', 'company secretary', 'secretarial compliance', servizzi relatati ma' VAT, Accounts u Bookkeeping. Wara li gew offruti s-servizzi skond l-imsemmi kuntratt tas-servizzi, il-konvenut gie kkuntattjat sabiex ihallas l-ammont dovut ta' Eur 4,937.70 izda dan baqa' inadempjenti u naqas milli josserva l-obbligi tieghu.

It-Tribunal ikkunsidra li s-socjeta' konvenuta giet notifikata bl-avviz promotur (Covering letter, Form A u Form C) fl-1 ta' Lulju 2021 u ma pprezentatx risposta.

Illi s-socjeta' attrici tiddikjara li provdiet servizzi professjonali lis-socjeta' konvenuta konsistenti f'`corporate services'. Esebiet ghal dan il-ghan il-kuntratt li sar bejn il-partijiet. Skond l-ewwel premessa fil-kuntratt, gie dikjarat:

> Whereas the Client wishes to engage Integritas, which accepts to provide the services laid down in this agreement as to the management of Silver Group Ltd., a company to be incorporated under the Laws of Malta which shall have its registered office at 114/3, The Strand, Gzira, GZR 1027, Malta (hereinafter referred to as the 'Company').

Illi huwa car ghalhekk illi s-socjeta' konvenuta talbet dawn is-servizzi lis-socjeta' attrici tant li sar il-kuntratt appena msemmi. Illi mir-rendikonti kontenuti fl-invoices Dok. B, esebiti wkoll mis-socjeta' attrici jirrizulta iktar dettall dwar fiex kienu jikkonsistu dawn is-servizzi. Dawn id-dokumenti ma gewx kontestati mis-socjeta' konvenuta, li lanqas prezentat risposta ghal din il-kawza. Mill-korrispondenza elettronika skambjata bejn il-partijiet (Dok. C), jidher li r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kien qed jikkontesta l-fatt li ghandu jhallas id-drittijiet mitluba lilu qabel ma nbdiet l-attivita' tan-negozju li ghalih kienet tirreferi l-kumpanija. Anke jekk din kienet ir-raguni ghalfejn is-socjeta' konvenuta ma hallsitx ghas-servizzi moghtija, it-Tribunal jirrizultalu li din mhix gustifikazzjoni bizzejjed sabiex il-hlas ma jsirx. Il-hlas f'dan il-kaz ried isir abbazi tas-servizzi professjonali li nghataw u mhux a bazi tal-fatt jekk bediex in-negozju jew le. Jidher

ghalhekk anke mill-provi prodotti, ghalkemm unilateralment mis-socjeta�much attrici, illi s-socjeta' attrici jisthoqqilha tithallas tas-servizzi moghtija, u ghaldaqstant it-talbiet taghha jimmeritaw li jintlaqghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat'elef, disa' mija u sebgha u tletin Euro u sebghin centezmu (€4,937.70), bl-imghax mid-data tal-ahhar fattura, u cioe' l-1 ta' Marzu 2018 sal-hlas effettiv. L-ispejjez u drittijiet ta' din il-kawza ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Susanne Fenech

Deputat Registratur